**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hadd, 13 ta' Awwissu 2023**

**Il-Pulizija ta' Malta**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Reno Azzopardi**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Rat it-talba tal-parti offiza Ramona Borg fis-seduta tal-lum sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputat jieqfu

Semghet ix-xhieda ta' Ramona Borg fis-seduta tal-lum

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri

Ikkunsidrat:

Il-parti offiza u l-imputat ilhom f’relazzjoni ghal dawn l-ahhar tminn (8) snin u ghandhom zewg itfal komuni, wahda ta’ hames (5) snin u l-ohra ta’ sena u nofs. Dan huwa l-ewwel rapport li hija ghamlet mal-Pulizija fil-konfront tal-imputat.

Fix-xhieda taghha llum il-parti offiza qalet li dan hu incident li skala, u li hi u l-imputat kienu irrikonciljaw u jixtiequ li jkomplu bir-relazzjoni taghhom f’hajja normali, flimkien maz-zewg uliedhom minuri.

Il-Qorti fehmet lill-parti offiza l-konsegwenzi legali jekk it-talba taghha tigi milqugha, u b’mod partikolari li dawn il-proceduri ma jistghux jigu ravvivati fil-futur. Il-parti offiza insistit ukoll, fuq diversi domandi ta’ din il-Qorti, li d-decizjoni taghha li tahfer lill-imputat u li dawn il-proceduri jieqfu kienet wahda volontarja. Waqt ix-xhieda taghha hija kienet assistita mill-avukat difensur taghha, u mix-xhieda taghha jidher li d-decizjoni taghha hija wahda ferma.

Mill-imputazzjonijiet kif dedotti fic-citazzjoni jirrizulta li l-ewwel hames (5) imputazzjonijiet jehtiegu x-xhieda tal-parti offiza sabiex tkun tista’ tinsab htija, fil-waqt li s-sitt (6) u s-seba’ (7) imputazzjoni huma konsegwenzjali, jekk biss tinstab htija fil-konfront ta’ xi wahda jew izjed mill-ewwel hames imputazzjonijiet.

Tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet, il-mod kif xehdet il-parti offiza, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li x-xewqa tal-parti offiza ghandha tigi rispettata.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li dawn il-proceduri kontra l-imputat ma jitkomplewx u tiddikjara l-procediment ezawrit

Il-Qorti tordna li l-Avukat Generali jinghata access bil-mezzi elettronici ta' kopja skenjata ta' dan l-inkartament fiz-zmien moghti skond il-ligi

| | |
|---|---|
| **Dr Marse-Ann Farrugia** | **Doreen Pickard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Registratur** |